GCP/PAP, 26.167

# RADD IL HAIR LIL SIDNA GESÙ

## FIT-TIFCHIRA TA MITA INSAB UARA IS-SERK

## TAL PISSIDI

Mictub mis-Sac. Dr. Ludovicu Mifsud Tommasi.

I.

Ingibu koddiem ghaineina l'imhabba, li giebilna Sidna Gesù, li mux bis bit-tixrid ta demmu, u bil meut tighu fis-salib ried jifdina mil jasar ta dejem, izda ucoll biex maghna jibka sal-tmiem tad-dignja; hallielna lilu in-nifsu mohbi taht ix-xbiha tal hobs, biex iuettakna, u ifarragna fil hemm, u inghedulu bil kalb:

Ja Gesù, chem int hanin!
Mux bis haitec tait ghalina,
Izda ucoll lilec in-nifsec
Mohbi fl'Ostia ridd tatina.

Imbercuc, u nadorauc
B' kalbna collha ahna inuegghuc,
Jec hajitna ghalic natu;
Hi uisk ftit biex inhalsuc. *P. A. G.*

II.

Ingibu koddiem ghaineina il hsara, li giratilna, mita dhalna il Cnisia biex inzuru lil Gesù, chif marret iz-zuru f' kabri il Maddalena, u bhala ma sibniehx. X'kasma ta kalb giarrabna mita min ghair Missier sfaina iltiema! Chif fhimna li dnubietna chienu il htia; soghbanin fiha l' ugih nissilna tal indiema. Din l' indiema nakt li ingeddidu; bil kalb inghedulu:

Chem chien iereh dac il jum,
Li min ghairec sfaina iltiema!
Chif, jahasra! ahna tlifniec;
L' imrar sfeina tal indiema.

Imbercuc ecc. *P. A. G.*

III.

Ingibu koddiem ghaineina il hniena bla tarf ta Sidna Gesù, li zmien tuil ma rieg ihallina ghalih imhassra, u chif uara tliet tiem ried li issibu mita bla htia tilfitu Ommu Sittna Maria; hec uara li bhala fit-tixnieh; ghamel li insibuh, u lilna biddel sujed il kalb, u in-nichet f'hena, u ferh mil lacbar. Nizzuh hair, u bil kalb inghedulu:

Jahtieg iva li nistkarru
L' int Missier bla tarf hanin,
Li chif rait id-dmuh li irmeina;
Rittna fis imhennjin.

Imbercuc ecc. *P. A. G.*

IV.

Ingibu koddiem ghaineina chem hia cbira il kauua tal imhabba. Min ihobb bhal Gharusa tal Cantica ma ghandux sabar, kabel ma isib lil min thobb kalbu, u jibka ifficciu sa chem isibu, u chif isibu ihaddnu biex ma jerhihx izied. Uara it-talb, is-saum, it-tnehid, l' ughiedi, u it-tiftix sibna flahhar lil Gesù fein hbietu l' id lizied chiefra, u bi trionf li jibka dejem jis-semma mil gdid dahal fil makghad tighu, mnein iferrak il hniena. Din il hniena biex nitmieghxiu; inghedulu bil kalb:

O eghgiubiet min tal imhabba!
Fittixniec sa chem sibnic,
U dil Ghzira katt ma tinsa
It-trionf li bih gbarnic.

Imbercuc ecc. *P. A. G.*

V.

Ingibu koddiem ghaineina chem hia cherha il bruda fl' imhabba t' Alla, li actarx hia aghar mit-telfa tal imhabba infisa, ghax ig-giaghal l' Alla imillna, u lilna tfixchel il-cotra tal kdusia. Biex fiha katt ma nakghu; nitolbu lil Gesù li finha iheggeg in-nirien ta imhabtu, sa chem nitkadzu, u nirbhu il Genna. Biex jatina dal gid; bil kalb inghedulu:

Nar imhabtec cattar finha,
Katt la thalli linibirdu:
Imghankin mighec ghajixna,
Biex katt minnec ma ninfirdu.
Imbercuc ecc. *P. A. G.*

---

*L' Eccelmu, u Revmu. Mons. Arciiskof u Iskof taghna* D. PUBBLIU M. TAL CONTI SANT *jati erbghin jum indulgenza lil min igheid il Corunella tas-seubien tal Pissidi, u erbghin ohra lil min nhar dic il festa jaghmel nofs sigha adorazioni b' decriet moghti fis-sitta ta Novembru* 1850. *Izied: jati erbghin jum Indulgenza lil min igheid il Protesti, u erbghin ohra lil min igheid il Curunella tal Piaghi b' decriet ta l' erbgha u ghoxrin ta Settembru* 1852.

PROTESTI

TAN-NISRANI BIEX JAGHMEL MEUTA TAIBA,

Li isiru coll raba hatt tax-xiabar

Koddiem Gesù Sacramentat.

---

*Il coll flimchien.*

O Gesù Sacramentat,
Aun koddiemec mixhutin
B' lacbar kima nadorauc,
Imbercuc coll uakt, coll hin.

Chif l' immutu nafu il coll
Izda meta ma nafux;
Naghmlu mn' issa dac li naghmlu
Dac il uakt ma naghirfux.

*Coll uihed ghalih.*

Bl' art, b' is-sema, b' coll hatt nixhed
Li nistkarrec Alla Sidi,
U li nemmen b' daca collu
Li tghallimni il vera fidi.

Ghal chem jena midneb cbir,
Ghal chem jena lacbar hati;
Ghala il hniena cbira tighec
Nitma lili il mahfra tati.

B' kalbi collha irrid inhobboc
Ghaliex int bla tarf habbeitni:
Demmi irrid ghalic inciarciar
Ghaliex b' demmec inti fdeitni.

B' coll hatt nixhed li giò kalbi
Ghax regbixtec jisghob bia,
U ghal dejem mn' issa nishet,
U ir-rid nabrab min coll htia.

Jen inhobboc, u mil hlejak
Jen ghalic dil kalb inholla.
U mahbub lilec ir-rid
Mil bnedmin tad-digna collha.

Krar, Tkarbin, Grisma tal morda
Mn' issa nitlob b' lacbar hrara,
Irrid nirbah l' indulgenzi
Biex fis uiccec nista nara.

Biex tahfirli bil kalb nahfer
Lil coll min giè hat ghalia,
U mn' ideic bil ferha nilka
Coll ugih tal agunia.

Katt ta katt jena mar-rid
Nargia lura milli ghett,
Ghalec nitlob il ghainuna,
Illi b' chelmtec lili ughett.

Lil Iosara mn' issa nitlob
Uara il meut titlob ghalia,
Biex il farag fis icolla
Din ir-ruh minnec mifdia.

O Gesù, Maria, Giuseppi,
O Teresa o Kaddisin,
Ekfu mighi uakt il meut,
Minni hennu dac il hin,

## GIH LIL PIAGHI TA SIDNA GESU'.

I.

Nadorauc, Gesù, ghax ahna
Fis-Salib sammarna lilec,
U ta riglec ix-xelluc
Il piaga inueggħu li ftahnilec.
Ghal ugih ta din il piaga
Irriduc li tisma talbna
U bl' ugih min tat indiema
Idorbilna fittex kalbna.—*P. A. G.*

Sancta Mater, istud agas
Crucifixi fige plagas
Cordi meo valide.

Omm imkadza, jen ir-rid
Li tistampa f' kalbi gid
Din il piaga ta Gesù.

II.

Min ta riglec il-lemin
Il piaga inueggħu, ja Mulcina,
U bil hrara nitolbuc
Li bil hlewua thares leina.
Ghal ugih ta din il piaga
Ghein lil min ghal meut hu krib,
U ta tahhar ta hajitna
Isma it-talb, id-dmuh, u'l crib.
*P. A. G. Giac. Omm ecc.*

III.

Gih lil piaga, Gesù, natu
Ta l' id tighec tax-xelluc,
Lil min hu fi triek hazina
Minna terfghu nitolbuc.
Ghal ugih ta din il piaga
Tal Infern bil biza imliena,
Biex nituarbu mit-tigrif,
U uakt meutna insibu hniena.
*P. A. G. Giac. Omm ecc.*

IV.

O Gesù, lil piaga imkadza
Ta l' id tighec lemenia
Gih, u barca bil kalb natu,
Ghaliex sujetlec uisk tbatia.
B' edin l' id, iddeu, f' imhabtec
Zomm sa lahhar lit-taibin:
Ghal ugih ta din il piaga
Tina il meut tal kaddisin.
*P. A. G. Giac. Omm ecc.*

V.

Tal custat tighec miftuh
L' eghzez piaga naderau,
U min t' Omma 'l Cnisia imkadza
Lacbar gih nir-riemandau.
Giò dil piaga il coll ilkaghna,
Ghain tal ilma, ghain tad-demm,
B' nar imhabtec kalbna chebbes,
Fis ehlisna min coll hem.
*P. A. G. Giac Omm ecc.*

TMIEM

F' gih edauc it-tliet sighat,
Li mislub bkait agonia,
Nitolbuc, Gesù, tatina
Meut imzeina bil kdusia.
Ghalec lilec uakt l' inuegghu,
Imbercuc ghal tliet darbiet,
U' inghedulec b' lacbar hrara
Dauna lahhar tliet talbiet.

3. *P.* 3. *A.* 3. *G. Salve* f' gih is-siuf ta Sittna Maria.

---

MALTA 1852—Stampat mia F. Cumbo.